MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru. 522/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Sean Paul Mc Keown**

**Kumpilazzjoni Nru: 522/2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sean Paul Mc Keown, ta’ 37 sena, iben William u Anne xebba Borg, imwieled Attard, fit-22 ta’ Dicembru, 1973, residenti fil-fond 11, Marliam Mc Keown, Triq il-Papa Gwanni XXIII, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 107174M.

Akkuzat talli fl-14 ta' Mejju, 2012 f'Triq il-Vjal De Paul, Hal Balzan:

1. Ikkometta serq minn go vettura CAF 596 ta' ghamla Toyota Corolla ghad-detriment ta' Brian Zahra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) imma mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329. 37)
2. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vettura CAF 596 ta' ghamla Corolla ghad-detriment ta' Brian Zahra, liema hsara mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1, 164.69) pero izjed minn mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).
3. Ukoll talli sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imutazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettax il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------